MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2010

Avviz Numru. 23/2009

Bank of Valletta Plc

Vs

Craig Paul Axiaq.

Il-Qorti,

Rat l-avviż illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti, iħallas lill-bank attur is-somma ta' erbat'elef disa' mija u sittin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi minn Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) sad-data tal-ħlas effettiv, liema ammont jirrappreżentaq debiti li għandek ma' l-istess bank attur.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' Frar elfejn u disgħa (2009) u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut illi saret permezz tal-pubblikazzjoni fil-gażżetti kif jirriżulta mill-kopji esebiti f'dawn l-atti llum stess.

Il-Qorti billi l-istess konvenut baqa' ma attendiex għas-smiegħ ta' din il-kawża minkejja din in-notifika, u peress li jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tilqa' l-istess talba, u tordna lill-konvenut Craig Paul Axiaq, sabiex iħallas lill-bank attur is-somma ta' erbat'elef disa' mija u sittin euro, u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 4960.76c) flimkien ma' l-imgħaxijiet relattivi, minn Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) sad-data tal-ħlas effettiv, u dan in rappreżentanza ta' debiti li huwa kellu ma' l-istess bank.
Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' frar elfejn u disgħa (2009), kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------